MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 208/2009

**Joseph Caruana (I.D. 672162M) u**
**martu Elisa Orlandi (I.D. 26134A)**

**vs**

**Tecnoplus Limited (C 16502)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u disgha u tletin Euro u disgha u tmenin centezmu (€1,639.89), rapprezentanti in kwantu ghal seba’ mija u tnejn u tmenin Euro (€782) *refund* tal-prezz imhallas lis-socjeta’ konvenuta ghal xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti fuq il-vettura tat-tip ta’ Mercedes Benz Class A; in kwantu ghal tlett mija u sebgha u hamsin Euro u disgha u tmenin centezmu (€357.89) spejjez relatati ma’ biljett tal-Virtu’ Ferries li nqata’ sabiex tittella’ l-istess vettura u tinbiegh gewwa l-Italja, liema bejgh sfaxxa stante x-xoghol hazin tas-socjeta’ konvenuta; u in kwantu ghal hames mitt Euro (€500) rapprezentanti r-rizarciment tal-kapparra fuq il-mankat bejgh ta’ l-istess vettura.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi ghall-hlas inkluz permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru, 2009, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, sitt mija u disgha u tletin Euro u disgha u tmenin centezmu (€1,639.89), bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru, 2009.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, sitt mija u disgha u tletin Euro u disgha u tmenin centezmu (€1,639.89), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------